MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 1999/2003

**Georgina Grech u uliedha Anthony, Sebastian, u Antoinette Grech u Mary Casha u Karmena Hili dawn ta` l-ahhar bhala eredi ta` Carmelo Grech**

**Vs**

**General Insurance Limited u b'digriet tat-18 ta` Frar, 2005 giet imsejha in kawza d-ditta Deloite & Touche**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta` Ottubru, 2003 fejn l-atturi qed jitolbu sabiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallashom is-somma ta` erba` mija u sitta u erbghin lira, sebgha u ghoxrin centezmu (Lm446.27) rapprezentanti valur ta` danni reklamati skond sentenza fl-ismijiet Fogg Insurance Agency Limited vs Carmelo li giet deciza fil-31 ta` Ottubru, 2000 mill-Magistrat Dr. Silvio Meli.

Dawn il-proceduri saru inutilment minhabba abbuzi serji da parti tal-konvenuti peress illi Carmelo Grech kien inxurjat *fully comprehensive* u hallas l-excess skond ma jirrizulta mill-ircevuta numru 6,873. Minhabba f'dan l-atturi qed jigu ntortament rinfaccjati b'mandati opportuni.

Illi permezz ta` digriet moghti minn dan it-Tribunal datat 18 ta` Frar, 2005, id-ditta Deloite & Touche gew imsejha fil-kawza stante li rrizulta li kienet din l-istess ditta li giet awtorizzata tiehu hsieb l-amministrazzjoni tas-socjeta` konvenuta.

Ra r-risposta tad-ditta msejha fil-kawza datata 18 ta` Marzu, 2005 fejn eccepiet li fl-ewwel lok it-talbiet attrici ma humiex fondati fil-konfront taghha u fit-tieni lok li l-istess ditta ma hiex persuna guridika stante li si tratta ta` ditta ta` awdituri. Illi fis-sustanza eccepiet ulterjorment li l-istess ditta msejha fil-kawza jew il-persuni fizici li jikkostitwuwha qatt ma jistghu jigu tenuti responsabbli ghall-azzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u li l-istess ditta m`ghandha ebda relazzjoni guridika ma` l-atturi. Illi fl-ahhar nett l-istess ditta ssostni li ma hiex edotta mill-fatti u rriservat li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Ezamina l-provi migjuba nkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi l-attur Anthony Grech spjega kif huma qed jigu mgieghla jhallsu lil Fogg Insurance in segwitu ta` sentenza deciza kontra missieru u jsostni li tali ammont qatt ma jmisshom ihallsuh peress li missieru kien inxurjat *fully comprehensive* mas-socjeta` konvenuta. Dan ix-xhud esebixxa dokument wiehed immarkat Dok. AG1 li tikkonsisti f'ircevuta rilaxxjata mis-socjeta` konvenuta favur presumibbilment missieru ghal Lm25 bhala excess.

Illi apparti din ix-xhieda ma gew pprezentati ebda provi ohra ulterjuri quddiem dan it-Tribunal in sostenn tat-talba attrici u ghalhekk isib li ma gewx prodotti provi sufficjenti u

soddisfacenti da parti ta` l-atturi sabiex jissostanzjaw it-talba taghhom.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq nuqqas ta` provi qieghed jichad it-talbiet attrici b'dan illi l-ispejjez gudizzjarji ta` din l-istanza ghadhom fuq bazi ta` ekwita jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------